ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

Stqarrija għall-Istampa

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/PR/12/27

# Nina Cromnier il-President il-ġdid tal-Bord tat-Tmexxija tal-ECHA

## Fis-27 ta' Settembru, il-Bord tat-Tmexxija tal-ECHA ħatar lil Nina Cromnier, il-membru Svediż, bħala l-President il-ġdid tiegħu . Hija se tieħu l-kariga tagħha fl-1 ta' Ottubru għal perjodu ta' sentejn.

**Ħelsinki, it-28 ta' Settembru - 2012 -** Nina Cromnier hija d-Direttriċi Ġenerali tal-Aġenzija Svediża għas-Sustanzi Kimiċi mill-2010. Qabel ħadet din il-kariga, hija ħadmet fil-Ministeru Svediż għall-Ambjent u l-aħħar pożizzjoni tagħha kienet ta' Direttriċi għas-Sustanzi Kimiċi u t-Taqsima għall-Iskart.  Stadji preċedenti tal-karriera tagħha kienu jinkludu karigi fl-Aġenzija Svediża għall-Protezzjoni tal-Ambjent u fil-Kunsill Svediż għar-Riċerka dwar l-Iskart. Hija għandha żewġ lawrji: waħda fl-Inġinerija Kimika u l-oħra fl-Amministrazzjoni Kummerċjali. Is-Sinjura Cromnier kienet membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-ECHA mill-2010.

Il-President ta' qabilha, is-Sur Thomas Jakl, il-membru Awstrijak, mexxa l-Bord għal żewġ perjodi sħaħ mill-2008. Huwa mexxa l-Bord matul il-fażi kruċjali tat-twaqqif tal-Aġenzija u matul l-ewwel skadenza tar-reġistrazzjoni ta' REACH li kienet suċċess. L-aħħar sfidi tal-Bord kienu jinkludu l-bidu tal-preparazzjonijiet għal mandat estiż tal-ECHA taħt il-Bijoċidi u l-PIC kif ukoll il-preparazzjonijiet għall-iskadenza ta' REACH tal-2013.

Il-mandat tal-President huwa ta' sentejn u jiġġedded darba.

## Aktar informazzjoni

**Il-Websajt tal-ECHA**
http://echa.europa.eu